MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1130/2002/1

**George Borg**

**Vs**

**Dr Anton Farrugia**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm839.50c (tmien mija u disgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rappresentanti servizzi ta’ garr u provvista ta’ materjal tal-bini kif ukoll xoghol iehor relatat mal-kostruzzjoni f’San Giljan, fuq inkarigu tal-konvenut.

Minkejja diversi nterpellazzjonijiet, il-konvenut baqa’ qatt ma hallas xejn.

Peress illi huma dovuti wkoll interessi fuq rata kummercjali fuq din is-somma mid-data tal-konsenja jew tlestija tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Jannar 2002 u bil-VAT.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------